

Brussell, 17 ta' Mejju 2019
(OR. en)

9248/19

ESPACE 50
RECH 260
COMPET 396
MI 433
IND 172
EU-GNSS 28
TRANS 331
TELECOM 220
ENER 266
EMPL 269
CSDP/PSDC 238
CFSP/PESC 376

NOTA

minn:	Kumitat tar-Rappreżentanti Permanenti (Parti 1)
lil:	Kunsill
Suġġett:	Konklużjonijiet tal-Kunsill dwar "L-ispazju bħala faċilitatur" - <i>Adozzjoni</i>

I. INTRODUZZJONI

1. Il-Konklużjonijiet tal-Kunsill dwar "L-ispazju bħala faċilitatur" tħejjew bil-ħsieb tad-disa' laqgħa tal-Kunsill tal-Ispazju, laqgħa konġunta u konkomitanti tal-Kunsill tal-Unjoni Ewropea u tal-Kunsill tal-Aġenzija Spazjali Ewropea (ESA) fil-livell Ministerjali¹, li għandha ssir fit-28 ta' Mejju 2019.

¹ Abbażi tal-Artikolu 8 tal-Ftehim Qafas bejn il-Komunità Ewropea (KE) u l-Aġenzija Spazjali Ewropea (ESA)

2. Minħabba restrizzjonijiet fil-ħin, ma kienx possibbli li jiġu segwiti l-arranġamenti preċedenti u li jkun hemm test komuni għaż-żewġ organizzazzjonijiet. Ġiet segwita proċedura *ad hoc*, ibbażata fuq il-Ftehim Qafas, jiġifieri "[m]ingħajr preġudizzju għall-proċeduri interni ta' teħid ta' deċiżjonijiet tal-Partijiet"², sabiex il-Presidenza Rumena tal-Kunsill tal-Unjoni Ewropea, il-Presidenza Spanjola tal-Kunsill tal-ESA fil-livell Ministerjali, l-Eżekuttiv tal-ESA u l-Kummissjoni jkollhom laqgħat kwadrilaterali biex iħejju test dwar "L-ispazju bħala faċilitatur" li għandu jiġi adottat minn kull organizzazzjoni skont il-proċedura tagħhom. Għall-Kunsill tal-Unjoni Ewropea, it-test li għandu jiġi adottat huwa l-Konklużjonijiet tal-Kunsill, filwaqt li għall-ESA dan huwa Riżoluzzjoni tal-ESA. Il-korp tat-test huwa identiku, iżda l-preamboli huma kemxejn differenti.

II. SITWAZZJONI ATTWALI

3. Il-Grupp ta' Ħidma dwar l-Ispazju ddiskuta l-abbozz tal-Konklużjonijiet tal-Kunsill fil-laqgħat tas-6 ta' Marzu, tat-12 ta' Marzu, tal-20 ta' Marzu, tad-9 ta' April, tas-17 ta' April u tat-8 ta' Mejju 2019. Saru wkoll ħames laqgħat ta' tħejjija kwadrilaterali bejn il-Presidenza Rumena, il-Presidenza Spanjola tal-Kunsill ESA fil-livell Ministerjali, l-Eżekuttiv tal-ESA u l-Kummissjoni sabiex issir koordinazzjoni u konverġenza fuq dan it-test.
4. It-test ippreżentat fl-Anness għal din in-Nota ġie maqbul fil-Kumitat tar-Rappreżentanti Permanenti fil-15 ta' Mejju 2019 u kien hemm qbil sabiex l-abbozz ta' konklużjonijiet jiġi ppreżentati lill-Kunsill (Kompetittività) fit-28 ta' Mejju 2019 għall-adozzjoni.

III. KONKLUŻJONI

5. Għaldaqstant, il-Kunsill (Kompetittività) hu mistieden jadotta l-konklużjonijiet li jinsabu fl-Anness.

² Artikolu 8, paragrafu 4.

ABBOZZ TA' KONKLUŻJONIJET TAL-KUNSILL
DWAR "L-ISPAZJU BĦALA FAĊILITATUR"

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA

FILWAQT LI JFAKKAR:

- fit-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea (TFUE) li jistabbilixxi kompetenza tal-UE fil-qasam tal-Ispazju³;
- fil-Konvenzjoni għall-Istabbiliment ta' Aġenzija Spazjali Ewropea tat-30 ta' Mejju 1975;
- fil-Ftehim Qafas bejn il-Komunità Ewropea u l-Aġenzija Spazjali Ewropea (minn hawn 'il quddiem imsemmi l-"Ftehim Qafas")⁴ li daħal fis-seħħ f'Mejju 2004 u sussegwentement iġġedded, u li fih huma previsti l-laqgħat konġunti u konkomitanti regolari tal-Kunsill tal-Unjoni Ewropea u l-Kunsill tal-ESA fil-livell ministerjali msemmi bħala "Kunsill tal-Ispazju"⁵;
- fir-riżoluzzjonijiet u l-orjentazzjonijiet adottati mill-Kunsill tal-Ispazju, b'mod partikolari dwar il-"Politika Spazjali Ewropea"⁶, "Jitwettaq progress fil-Politika Spazjali Ewropea"⁷, "Il-Kontribut tal-ispazju għall-innovazzjoni u l-kompetittività fil-kuntest tal-Pjan Ewropew ta' Rilanċ Ekonomiku, u aktar passi"⁸, "Sfidi globali, nieħdu vantaġġ sħiħ mis-sistemi spazjali Ewropej"⁹, kif ukoll dwar l-"Orjentazzjonijiet dwar il-valur miżjud u l-benefiċċji tal-ispazju għas-sigurtà taċ-ċittadini Ewropej"¹⁰;
- fid-"Dikjarazzjoni Konġunta dwar Viżjoni u Għanijiet Komuni għall-Futur tal-Ewropa fl-Ispazju" bejn l-Unjoni Ewropea u l-Aġenzija Spazjali Ewropea, iffirmata fis-26 ta' Ottubru 2016;
- fil-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni dwar l-Istrateġija dwar l-Ispazju għall-Ewropa tas-26 ta' Ottubru 2016¹¹ u l-Konklużjonijiet tal-Kunsill dwar "Strateġija dwar l-Ispazju għall-Ewropa" tat-30 ta' Mejju 2017;

³ B'mod partikolari l-Artikoli 4 u 189

⁴ ĠU L 261 tas-6.8.2004, p. 64.

⁵ B'mod partikolari l-Artikolu 8.

⁶ Dok. 10037/07

⁷ Dok. 13569/08

⁸ Dok. 10500/09

⁹ Dok. 16864/10

¹⁰ Dok. 18232/11

¹¹ Dok. 13758/16

- fl-eżitu tal-Kunsill Ministerjali tal-ESA, li sar f'Luzern, l-Iżvizzera, fl-1 u t-2 ta' Diċembru 2016 u fir-Riżoluzzjoni tiegħu "Lejn Spazju 4.0 għal Spazju Magħqud fl-Ewropa" u l-eżitu tal-Kunsill Ministerjali Intermedju tal-ESA li sar f'Villanueva de la Canada, Spanja fil-25 ta' Ottubru 2018;
 - fir-rwol fundamentali li taqdi l-Aġenzija Spazjali Ewropea għall-programmi spazjali ewlenin tal-UE Copernicus, Galileo u EGNOS, l-Aġenzija tal-GNSS Ewropea fil-qafas ta' Galileo u EGNOS, u l-EUMETSAT u l-entitajiet fdati l-oħra fil-qafas ta' Copernicus;
- (1) JENFASIZZA r-rwol tal-ispazju bħala faċilitatur għall-benefiċċji soċjali u ekonomiċi, għall-estensjoni tal-fruntieri tal-għarfien, b'mod partikolari fix-xjenza, it-teknoloġija u l-applikazzjonijiet, u għall-appoġġ ta' dawk li jieħdu d-deċiżjonijiet u li jfasslu l-politiki fl-iżvilupp, l-implimentazzjoni u l-monitoraġġ ta' għadd ta' politiki settorjali, fost l-oħrajn, fl-oqsma tal-enerġija, is-saħħa pubblika, l-ambjent, it-tibdil fil-klima, l-Aġenda 2030 u l-Għanijiet ta' Żvilupp Sostenibbli u l-miri tagħha, l-industrija, it-trasport, il-qasam marittimu, l-agrikoltura, il-wirt kulturali, l-iżvilupp rurali, il-forestrija u s-sajd, id-diġitalizzazzjoni, is-sigurtà u difiża.
 - (2) JISSOTTOLINJA li l-ispazju jikkontribwixxi b'mod sinifikanti għall-indirizzar ta' sfidi globali u tas-soċjetà u t-tiżi tar-rwol globali tal-Ewropa. L-ispazju jaqdi rwol essenzjali għall-awtonomija tal-Ewropa, kif ukoll fid-diplomazija globali, fit-tħaddin tal-identità Ewropea, u fl-ispirazzjoni u l-motivazzjoni tal-ġenerazzjonijiet li jmiss.
 - (3) JENFASIZZA li ekosistema spazjali ta' suċċess hija vitali ukoll biex jiġu indirizzati l-isfidi politiċi u ekonomiċi li qed tiffaċċa l-Ewropa b'mod ġenerali u għall-benesseri taċ-ċittadini tagħha u tal-ġenerazzjonijiet futuri.
 - (4) JAGĦRAF li x-xena spazjali globali għaddejja minn trasformazzjoni profonda", bħall-emerġenza ta' "Spazju Ġdid. Filwaqt li l-ispazju kien qasam għal għadd żgħir biss ta' pajjiżi madwar id-dinja, immexxija b'mod sod minn fondi u interessi pubbliċi, huwa qed jimmatura u qed jissawwar minn atturi ġodda, bħal nazzjonijiet ġodda b'attivitajiet spazjali u b'mod partikolari minn atturi privati ġodda.

- (5) JISSOTTOLINJA li f'dan il-kuntest l-ispazju joffri opportunitajiet goddabiex jissaħħu l-kompetittività , l-innovazzjoni, l-intraprenditorija, il-ħiliet u l-bini tal-kapaċitajiet fl-Istati Membri kollha u fil-livell reġjonali , b'attenzjoni partikolari għall-impriżi żgħar u ta' daqs medju u n-negozji l-ġodda u l-inklużjoni tagħhom fil-katini tal-valur eżistenti, u f'dan ir-rigward JISSOTTOLINJA l-importanza li jissaħħu l-kollaborazzjoni transkonfinali u l-kooperazzjoni internazzjonali.
- (6) JIRRIKONIXXI li l-penetrazzjoni tal-użu tal-applikazzjonijiet tas-sistemi spazjali teħtieġ distribuzzjoni bilanċjata bejn iż-żoni ġeografiċi, l-Istati Membri tal-UE u tal-ESA, il-kategoriji tal-utenti u s-setturi ekonomiċi, u JENFASIZZA li hemm opportunitajiet sinifikanti għat-trawwim tat-tkabbir ekonomiku u l-innovazzjoni mill-użu aktar mifrux ta' applikazzjonijiet ibbażati fuq l-ispazju.
- (7) JAPPOĠĠA l-iżvilupp ta' setturi upstream u downstream Ewropej innovattivi u kompetittivi u l-użu l-aktar wiesa' possibbli ta' data, informazzjoni u servizzi spazjali;
- (8) JAGĦRAF il-ħruġ ta' firxa wiesgħa ta' applikazzjonijiet innovattivi bbażati fuq l-ispazju, li b'hekk jikkontribwixxu għat-titjib tal-kwalità tal-ħajja taċ-ċittadini Ewropej, filwaqt li jippermettu tkabbir u ħolqien ta' impjiegi u jstimolaw l-ispirtu intraprenditorjali lil hinn mill-investment tas-settur pubbliku.
- (9) JINKORAĠĠIXXI lill-Aġenzija tal-GNSS Ewropea, lill-ESA u lill-entitajiet fdati ta' Copernicus, bħall-EUMETSAT u oħrajn, biex ikomplu jġibu l-innovazzjoni fl-oqsma kollha tas-suq, inkluż downstream, skont il-missjonijiet rispettivi tagħhom, u biex jaċċeleraw il-promozzjoni u l-kummerċjalizzazzjoni ta' servizzi għat-tisħiħ tal-kompetittività tal-industrija Ewropea.
- (10) JIRRIKONOXXI li attivitajiet spazjali istituzzjonali u programmi spazjali fil-livell Ewropew għandhom ikunu taħt kontroll ċivili jew governattiv.

- (11) JIRRIKONOXXI li jeħtieġ li l-infrastrutturi spazjali Ewropej, inkluż is-segmenti spazjali, tal-art u tal-utenti tagħhom, jiġu żviluppati, miżmumin, imsaħħa, sfruttati u protetti.
- (12) JAGĦRAF li huwa neċessarju għall-Ewropa li żżomm aċċess sikur, awtonomu, affidabbli, kosteffettiv u affordabbli għall-ispazju, filwaqt li jtenni l-importanza strateġika tal-aċċess indipendenti għall-ispazju, li b'hekk jikkontribwixxi għal Settur Spazjali Ewropew innovattiv u kompetittiv, u jirrinforza r-rwol globali tal-Ewropa.
- (13) JISSOTTOLINJA l-importanza tax-xjenza, it-teknoloġija, l-applikazzjonijiet u l-attivitajiet ta' riċerka madwar is-segmenti kollha tal-katina tal-valur spazjali, l-iskambju ta' ideat u l-ispinning-in/off ta' teknoloġiji spazjali u mhux spazjali.
- (14) JINKORAĠĠIXXI lill-atturi kollha involuti biex jiżguraw, permezz ta' kollaborazzjoni fir-riċerka u l-innovazzjoni spazjali, li l-attivitajiet ta' riċerka futuri jintegraw aħjar l-ispazju ma' oqsma ta' politika oħra, filwaqt li jikkontribwixxu għall-indirizzar tal-isfidi globali u tas-soċjetà, għall-benefiċċju aħħari taċ-ċittadini u l-bnedmin.
- (15) JENFASIZZA li l-pożizzjoni futura tal-Ewropa fl-ispazju ser tibni fuq viżjoni strateġika li tiddefinixxi għanijiet ċari, implimentazzjoni konsistenti tal-azzjonijiet differenti, u fuq allokkazzjoni tar-riżorsi skont dan, sabiex jiġu mmassimizzati l-benefiċċji soċjoekonomiċi u jiġu evitati duplikazzjonijiet mhux neċessarji; IQIS li approċċ koerenti, effiċjenti u komplementari bejn l-UE, l-ESA u l-Istati Membri rispettivi tagħhom, skont ir-rwol u r-responsabbiltajiet rispettivi tagħhom, ser jippermetti lill-Ewropa tapprofita b'mod sħiħ mill-benefiċċji tal-ispazju, u b'hekk l-kompetittività tagħha u l-pożizzjoni tagħha bħala setgħa spazjali ser jissaħħu.
- (16) JENFASIZZA li għandhom jittieħdu miżuri miftiehma f'kooperazzjoni sħiħa bejn l-UE, l-ESA u l-Istati Membri rispettivi tagħhom, biex jiġi żgurat li s-settur spazjali Ewropew isaħħaħ il-kompetittività tiegħu fis-suq globali, biex ikunu possibbli u jiġu implimentati metodi ta' kooperazzjoni ġodda bejn atturi eżistenti, ġodda u emerġenti u biex tingħata spinta għal industrija spazjali Ewropea kummerċjalment kompetittiva miftuħa għal setturi oħrajn.

- (17) JISSOTTOLINJA li l-kooperazzjoni bejn l-UE u l-ESA skont il-"Ftehim Qafas" titwettaq b'rispett sħiħ tas-sitwazzjonijiet istituzzjonali u l-oqfsa operazzjonali rispettivi tagħhom.
- (18) JIRRIKONOXXI li l-għan tal-"Ftehim Qafas" li jindirizza l-iżvilupp koerenti u progressiv ta' Politika Ewropea dwar l-Ispazju ġenerali ġie kkonfermat u msaħħaħ b'mod ulterjuri fid-"Dikjarazzjoni Konġunta dwar Viżjoni u Għanijiet Komuni għall-Futur tal-Ewropa fl-Ispazju".
- (19) IQIS li jeħtieġ viżjoni strateġika konsolidata fit-tul tal-UE u l-ESA, skont ir-rwoli u r-responsabbiltajiet rispettivi tagħhom, sabiex jinbena settur spazjali aktar b'saħħtu u sabiex tiżdied l-influwenza tal-Ewropa fix-xena globali.
- (20) JINKORAĠĠIXXI l-organizzazzjoni tal-Kunsill tal-Ispazju fuq bażi regolari, preferibbilment darba fis-sena, sabiex tiġi diskussa l-viżjoni strateġika u l-għanijiet komuni Ewropej għall-ispazju.
- (21) JIRRIKONOXXI l-importanza li tingħata attenzjoni lid-dibattiti tal-Kunsilli tal-Ispazju futuri dwar politiki u prioritajiet ewlenin għall-ispazju sabiex tiġi żgurata l-integrazzjoni msahħha tal-ispazju fis-soċjetà u l-ekonomija Ewropea u sabiex jingħata kontribut għal settur spazjali Ewropew globalment kompetittiv, billi jsir użu mill-eċċellenza fix-xjenza, it-teknoloġija u l-applikazzjonijiet ibbażati fuq l-ispazju.
-